MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2009

Numru 1045/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**vs**

**Christine Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christine Psaila bint Gaetano Azzopardi u Josephine nee’ Sant, imwielda Australia nhar it-30 t’Awissu 1970, residenti numru 64, Flat 3, Triq ix-Xitwa, Qormi, detentrici tal-karta ta’ l-identita numru 348688M.

Billi giet akkuzata:

a) Talli nhar il-31 ta' Lulju 2009 ghall-habta tal-4.45pm, gewwa Triq ix-Xitwa, Qormi, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe hsara fuq vettura numru DAT609 ghad-detriment ta' zewgek Joseph Psaila, liema hsara ma tiskorriex elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47),

b) U aktar talli bl-imgieba taghha ikkagunat biza lil Joseph Psaila li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra il-propjeta' tieghu;

c) U aktar talli fl-istess data, hin u lok kisret il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Joseph Psaila ai termini ta' l-artikolu 382A st sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MB3 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi proceudra sommarja.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u Difiza iddikjaraw li jaqblu li rigward l-akkuza c) migjuba kontra l-imputata l-ammont ta' hsara hu ta' Ewro 585.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum id-Difiza iddikjarat li diga’ sar ftehim bejn l-imputata u l-parte civile rigward il-hsarat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(b), 251B u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Christine Psaila, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulzija, il-fedina penali netta tal-imputata, li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li d-Difiza iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum li diga’ sar ftehim bejn l-imputata u l-parte civile rigward il-hsarat, tillibera lill-istess imputata Christine Psaila taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputata Christine Psaila b’obbligazzjoni personali ta’ hames mitt Euro (Euro 500) li zzomm il-kwiet ma’ Joseph Psaila u li zzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Christine Psaila l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------